MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 112/2007

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Guillaumier Ltd (C 1395)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija u sitta u disghin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm2796.64,0) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru 21822877 (AT2800/86, AC10024761) skond kif jirrizulta mill-anness Dok A u kopja ta' ftehim anness markat Dok B.

Bl-ispejjez tal-prezenti rikors u bl-imghaxjiet mid-data tal-prezentata tar-rikors kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx la fil-11 ta' Gunju, 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------